Minuti tal-Laqgħa Nru. 41 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tlieta 16 t' Ottubru 2018 fl-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Eric Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| Skużati | Is-Sinjura. Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sur Kearon Bruno |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Evalwazzjoni, Miżura 4.3 u Approvazzjoni ta' Miżura 4.4
5. Water Culverts ta' Triq il-Karmnu
6. Traffic Management u Bus Shelters
7. Ġemellaġ ma Gallodoro
8. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
9. Aġġornament

**Is-Sindku qal li l-Kunsilliera Elaine Camilleri Schembri tinsab ma tiflaħx u qal li l-Kunsillier Kearon Bruno ma setax jattendi.**

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korezzjonijiet.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bozza maqtugħa fi Triq G Tragance.

3.2 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm żewġ bollards fi Triq il-Ġdida li meta jgħaddu minn quddiem din ir-residenza fil-viċin jistgħu jagħmlu ħsara u jeħel il-Kunsill Lokali.

3.3 Il-Kunsillier Caruana qal li sabuh residenti minn Ħal Farruġ fejn saqsewh li peress li issa kienet fetħet il-polyclinic f' Ħal Kirkop issa kien hemm bżonn li jkun hemm karozza li tieħu r-residenti ta' Ħal Farruġ direttament il-polyclinic.

3.4 Is-Segretarju qara email rigward il-Maltese Olympic Committee fuq l-Isports Award biex filkaz napplikaw għaliha.

3.5 Is-Segretarju semma li kienet se ssir inizjattiva minn naħa tal-AKL biex ikun hemm team li jiltaqa' biex inaddaf il-Foss ta' Ħaż Żabbar fl-1 ta' Diċembru biex minn ikun interessat jattendi għaliha.

3.6 Is-Segretarju qara email fuq inizjattiva li kienet se tagħmel l-AKL biex issir ġurnata ta' ħidma volontarja ġewwa Dar Papa Franġisku.

3.7 Is-Segretarju qara stedina biex nattendu għall Opra Orfeo u Majnun fejn anki ħeġġew lill-Kunsill Lokali biex filkaż jorganizza coach. .

3.8 Is-Segretarju qara email li ġiet minn naħa tal-AKL fuq attivitajiet li se jkunu organizzati fl-okkażżjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal.

3.9 Is-Sindku semma li kienet ser ssir laqgħa Plenarja Straordinarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex anki tkun diskussa r-riforma tal-Kunsilli Lokali. Huwa appella lill-Kunsilliera biex minn jista jattendi għall din il-laqgħa.

3.10 Is-Segretarju semma li din is-sena kienet ser terġa issir il-Fun Run tal-President biex jekk inkunu interessati nattendu għaliha. Huwa semma li kien se jkun hemm żewġ postijiet minn fejn jitilqu.

3.11 Is-Sindku semma li l-AKL kienet se tagħmel inizjattiva fejn jitħawwlu siġar fl-okkażżjoni tal-25 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali fejn kull siġra tkun tirrappreżenta Kunsill Lokali fil-Family Park ta' Wied il-Għajn.

3.12 Is-Sindku semma li kienet ser tinbeda inizjattiva fejn ikun hawn servizz ta car sharing biex jintaqqas aktar it-traffiku. Huwa qal li minn qed jagħmel din l-inizjattiva kien se jwaħħal ic-charging pillars mingħajr ma kien ikkonsulta mal-Kunsill Lokali. Is-Sindku semma li huwa kien intervjena u qallhom li se jikkonsulta mal-Kunsill u jagħtihom tlett postijiet alternattivi fejn dawn jistgħu jitwaħħlu.

3.13 Is-Sindku semma biex din is-sena norganiżżaw party tal-Milied għat tfal. Il-Kunsilliera qablu li għandu jkun organizzat party. Kien hemm id-data tad-19 ta' Diċembru magħżula għall dan il-party.

3.14 Is-Sindku semma li rridu naħsbu fuq l-ikla tal-Kunsill. Kien hemm diskussjoni u kienet proposta l-ġurnata tat-13 ta' Diċembru biex issir din l-ikla.

## 4.0 EVALWAZZJONI MIŻURA 4.3 U APPROVAZZJONI TA' MIŻURA 4.4

4.1 Is-Sindku semma li fuq din il-Miżura 4.3 kien reġa inħareġ it-tender fuq is-sistema tal-EPPS u kien hemm bżonn li jinħatar Bord tal-evalwazzjoni biex jevalwa dan it-tender online. Huwa minn naħa tiegħu ippropona lil Dr. Hubert Theuma, Dr. Philip von Brockdorf u l-Perit Christian Buhagiar. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament ma dawn il-membri biex jagħmlu evalwazzjoni.

4.2 Is-Sindku semma li fuq din il-miżura konna applikajna biex ningħataw extension fuq l-egħluq tal-kuntratt fejn dan ġie estiż sal-aħħar ta' Frar 2019.

4.3 Is-Sindku semma li fuq Miżura 4.4 li konna applikajna għaliha biex isiru l-ħitan tas-sejjiegħ f' Wied Garnaw irċevejna ittra li din il-proposta tal-Kunsill ġiet milqugħa. Huwa qal li l-quddiem ikun iffirmat il-kuntratt.

## 5.0 WATER CULVERTS TA' TRIQ IL-KARMNU

5.1 Is-Sindku semma li fuq dan il-proġett kien hemm id-dokumentazzjoni tat-tenders li kienet ħarġet u ntbagħtet għall vetting. Huwa qal li dan it-tender dalwaqt kien se joħroġ.

## 6.0 TRAFFIC MANAGEMENT U BUS SHELTERS

6.1 Is-Sindku qal li huwa kellu laqgħa m' uffiċċjali għolja tat-TM fuq it-traffic management ta' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Huwa qal li hawnhekk se jkun hawn problema peress li se jkollna nneħħu l-parkings.

6.2 Il-Kunsillier Caruana semma li se jkun hemm problema peress li Triq Sant' Andrija b' hekk se tkun one way. Is-Sindku qal li l-idea tal-one way għall Triq Sant' Andrija ukoll ma jaqbilx magħha.

6.3 Is-Sindku semma li fuq il-bus shelters jeħtieġ li naraw fuq dawk li hawn ġewwa Ħal Luqa u napplikaw għad DNO's mal-PA.

## 7.0 ĠEMELLAĠ MA' GALLODORO

7.1 Is-Sindku qal li huwa fuq il-ġemellaġ kien avviċina lill-Kunsilliera kollha biex jattendu għat twinning. Huwa semma li dawk il-Kunsilliera li kienu se jattendu kienu se jiġu flimkien man-nisa tagħhom wara li l-Kunsill kien iċċekkja ma' Gallodoro u qalulna li dawn jistgħu jattendu bħala parti mid-delegazzjoni biex ikun hemm l-ammont tal-membri mitluba fid-delegazzjoni. Huwa qal li dawn il-biljetti tan-nisa tal-Kunsilliera m' għandhomx jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill imma mill-Kunsilliera stess kif kien għamel huwa stess.

## 8.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

8.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq ħlasijiet.

## 9.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tlieta 16 t' Ottubru 2018 fis-6.45 pm. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2018.

_____________________ John Schembri, Sindku

_____________________ Michael Portelli, Segretarju Eżekuttiv